**PRIM'AWLA QORTI CIVILI**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 4 ta' Jannar, 2018**

**Rikors Guramentat Nru: 760/2016 AF**

**Bank of Valletta p.l.c. (C-2833)**

**vs**

**CS Motorsports Limited (C-46026)**

**u**

**Christian u Denise mizzewgin Demanuele**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ġuramentat ta' Bank of Valletta p.l.c. li permezz tieghu, wara li gie premess illi:

Bit-termini u kundizzjonijiet imsemmija f'kuntratt maghmula fl-atti tan-Nutar Dottor Francis Micallef datat 24 ta' Marzu 2009 (Dok. "A") u zewg skritturi privati datati 30 ta' Ottubru 2009 (Dok. "B") u 16 ta' Settembru 2010 (Dok. "C") is-socjetà attrici ikkoncediet facilitajiet bankarji lis-socjetà CS Motorpsorts Limited.

Is-socjetà attrici tinsab kreditrici tal-intimata socjetà CS Motorsports fis-somma ta' sebgha u tmenin elf, seba' mija u hamsa u erbghin Ewro u sitta u disghin centezmu (€87,745.96) bilanc ghad-debitu fil-"*Loan u Overdraft Accounts*" ta' CS Motorsports Limited mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. "D", Dok. "E" u Dok. "F") flimkien mal-imghax ulterjuri mill-14 ta' Gunju 2016 sad-data tal-effettiv pagament.

Bit-termini u kundizzjonijiet imsemmija f'kuntratt maghmula fl-atti tan-Nutar Dottor Francis Micallef datat 24 ta' Marzu 2009 (Dok. "A"), u fi skrittura privata datata 28 ta' Lulju 2009 (Dok. "G") il-konvenuti Christian u Denise mizzewwgin Demanuele iggarantew flimkien u "*in solidum*" ma' CS Motorpsorts Limited a favur tal-Bank of Valletta p.l.c. id-debiti tal-istess CS Motorsports Limited mal-Bank of Valletta p.l.c.

Sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratt u fl-iskritturi fuq imsemmija (u hawn esibiti bhala Dokumenti "A", "B", "C" u "G"), partikolarment imma mhux esklussivament, billi l-konvenuti:

(a) naqsu milli jhallsu l-pagamenti dovuti lis-socjetà mittenti kif stipulat fl-imsemmija kuntratt u skritturi (b) kienu inadempjenti f'obbligi ohra minnhom assunti fl-istess kuntratt u skritturi sopraindikati, u/jew, (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi tal-istess konvenuti li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilità tal-hlas lura tal-imsemmi debitu dovut lis-socjetà attrici.

L-attrici nomine taf bil-fatti fuq imsemmija personalment.

Il-konvenuti gew interpellati permezz ta' tlett ittri ufficjali datati 6 ta' Marzu 2014, li kopja taghhom qed tigi hawn esibita u mmarkata Dok "H", Dok. "I" u Dok. "J" sabiex jithallas id-dejn fuq imsemmi, izda dawn baqghu inadempjenti u ghal din ir-raguni kellha ssir din il-kawza.

Intalbet din il-Qorti biex:

(1) Tiddikjara u tiddeciedi illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratt u fl-iskritturi fuq

imsemmija (u hawn esibiti bhala Dokumenti "A", "B", "C" u "G"), partikolarment imma mhux esklussivament, billi l-konvenuti (a) naqsu milli jhallsu l-pagamenti dovuti lis-socjetà mittenti kif stipulat fl-imsemmija kuntratt u skritturi privati (b) kienu inadempjenti f'obbligi ohra minnu assunti fl-istess kuntratti u skritturi sopraindikati, u/jew, (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi tal-istess konvenuti li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilità tal-hlas lura tal-imsemmi debitu dovut lis-socjetà attrici.

(2) Tikkundanna lill-konvenuti jhallsu flimkien u "*in solidum*" bejniethom lis-socjetà attrici s-somma ta' seba' u tmenin elf, seba' mija u hamsa u erbghin Ewro u sitta u disghin centezmu (€87,745.96) bilanc ghad-debitu fil-"*Loan u Overdraft Accounts*" ta' CS Motorsports Limited mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. "D", Dok. "E" u Dok. "F") flimkien mal-imghax ulterjuri mill-14 ta' Gunju 2016 sad-data tal-effettiv pagament.

Minghajr pregudizzju ghal somom ohra ta' flus dovuti mill-konvenut Christian Demanuele lis-socjetà attrici li ghalihom is-socjetà attrici qed tipprocedi f'gudizzju separat.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittri ufficjali datati 6 ta' Marzu 2014 kontra l-konvenuti li huma ngunti minn issa sabiex jidhru ghas-subizzjoni.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat in-nota guramentata ta' Denise Camilleri gja Demanuele li permezz taghha hija ammettiet it-talbiet tal-Bank rikorrenti ghal dak li jirrigwarda fil-konfront taghha (sic).

Rat in-nota ta' Christian Demanuele li permezz taghha huwa ammetta t-talbiet tal-Bank rikorrenti ghal dak li jirrigwarda fil-konfront tieghu (sic).

Rat in-nota tas-socjetà C.S. Motorsport Limited li permezz taghha hija ammettiet it-talbiet tal-Bank rikorrenti ghal dak li jirrigwarda fil-konfront taghha (sic).

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Fid-dawl tal-ammissjoni tal-intimati kollha fil-kawza, ghaldaqstant il-Qorti taqta’ u tiddeciedi billi tilqa’ l-ewwel talba kif dedotta, tilqa’ t-tieni talba kif dedotta, bl-imghaxijiet u spejjez kif mitluba, minghajr pregudizzju ghal somom ohra ta’ flus dovuti minn Christian Demanuele lis-socjetà attrici li ghalihom is-socjetà attrici qed tipprocedi f’gudizzju separat.

L-ispejjez tal-kawza jithallsu mis-socjetà CS Motorsports Limited u Christian u Denise Demanuele.

IMHALLEF

DEP/REG